MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 725/2004

**V. Demajo & Bros.**

**Vs**

**Joseph Gouder**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas tas-somma ta’ Lm469.92 (erbgha mija u disgha u sittin lira Maltin u tnejn u disghin centezmu) dovuti ghal merkanzija mibjugha u konsenjata.

Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta’ l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fit-8 ta' April 2004 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fis-17 ta' Mejju 2004 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------